**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH**
**Rikors numru: 13/2019**

**Anna Mercieca**

**Vs**

**Sammy Azzopardi**

**Illum 22 t' Ottubru 2019**

Il-Bord

Ra ir-rikors pprezentat minn Anna Mercieca fit-22 ta' Jannar 2019 fejn ippremettiet:

*"1. Illi l-esponenti hija s-sid tal-fond fl-indirizz 21, Triq l-Assunta, Marsa liema fond huwa mikri lill-intimat bil-kera ta' mitejn u tlett Ewro (EUR230) fis-sena.*

*2. Illi l-iskadenza li tmiss taghlaq fil-31 ta' Marzu 2019.*

*3. Illi l-intimat mhuwiex qieghed juza l-fond ghall-iskop li nkera, u cioe' bhala residenza u fil-fatt ilu snin li abbanduna l-istess fond.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob li tigi awtorizzata ma ggedditx il-lokazzjoni fl-iskadenza li tmiss tal-fond fl-indirizz 21, Triq l-Assunta, Mards, u li l-intimat jigi ordnat jizogmbra fi zmien qasir u perentorju."*

Ra li l-konvenut gie notifikat izda ma deherx ghas-seduta li fiha giet appuntata din il-kawza ghas-smigh.

Sema' x-xhieda ta' Anna Mercieca moghtija fis-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2019.

Ra li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Dan il-Bord huwa sodisfatt mill-provi prodotti dwar il-kontenut tar-rikorsipprezentat minn Anna Mercieca u cioe' li Anna Mercieca hija s-sid tal-fond 21, Triq l-Assunta, Marsa u li l-intimat abbanduna l-istess fond bil-kosengwenza li mhuwiex qieghed juza l-fond ghall-iskop li nkera.

**Decide**

Ghaldaqstant, dan il-Bord qed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jipprefiggi terminu perentorju ta' xahar millum sabiex l-intimat jizgombra.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba a karigu ta' l-intimat.

Magistrat Simone Grech